***- PRESTAZZJONI TA' SERVIZZI TA' IKEL -***

***- KUNTRATTI JIGU ESEGWITI IN BONA FEDE -***

***- FORNITURA TA' IKEL MHUX TAJJEB GHALL-KONSUM -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru 2001**

**Kawza Numru: 20**
**Citazzjoni Numru: 1239/96/RCP**

**Vittorio Fontebrera f'ismu proprju bhala gestjonarju tad-Dolceria Italfonte u martu Aurelia Fontebrera**

**vs**

**Emanuel Sultana u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 1997 giet kjamata in kawza Grace mart Emanuel Sultana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur fuq inkariku tal-konvenut ipprestalu servizzi u ikel ghat-tieg ta' bintu li sar fid-29 ta' Lulju 1995.

Illi l-kont global ta' dawn is-servizzi kien ta' elf, tmien mija tnejn u sittin lira u tlett centesmi (Lm1,862.03c)

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont fuq indikat, baqa' inadempjenti;

Illi l-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandix din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf, tmien mija tnejn u sittin lira u tlett centesmi (Lm1,862.03c) dovut kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datat 6 ta' Frar 1996 u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficcjali sal-pagament relattiv.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-25 ta' Novembru 1996 fejn gie eccepit:

1. Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni hi nulla minhabba illi mart l-eccepjenti ma gietx citatata bhala konvenuta.

2. Illi fit-tieni lok it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-drltt stante illi hafna mill-ikel fornut mill-attur kien kontaminat u ikkawza deni lil diversi mistednin u ghalhekk l-attur ma mexiex mal-obbligi kontrattwali tieghu illi jforni ikel tal-ahjar kwalita' bil-konsegwenza illi minflok ma l-eccepjent offra lill-bintu u lill-mistednin ghat-tieg ta' bintu riceviment tal-ahjar kwalita', il-konvenut mhux biss gie irredikolat mill-attur mal-mistednin izda tali wkoll l-attur ikkawza lilu u lill-membri tal-familja tieghu inkwiet kbir f'okkazzjoni li kienet unika.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar 1997, tas-7 ta' April 1997 fejn il-kawza giet differita biex l-attur jirregola ruhu dwar l-ewwel eccezzjoni tan-nullita` u tad-19 ta' Mejju 1997.

Rat ir-rikors tal-attur tat-23 ta' Mejju 1997.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti provdiet fuq ir-rikors tal-attur billi laqghet it-talbiet u ordnat il-kjamat in kawza ta' Grace mart Emanuel Sultana a spejjez provizorjament tal-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta kjamat in kawza tat-12 ta' Awissu 1997 fejn gie eccepit:

(1) Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi hafna mill-ikel fornut mill-attur kien kontaminat u ikkawza deni lil diversi mistednin u ghalhekk l-attur ma mexiex mal-obbligi kontrattwati tieghu illi jforni ikel tal-ahjar kwalita' bil-konsegwenza illi minflok ma l-ecceppjent offra lill-bintu u lill-mistednin ghat-tieg ta' bintu riceviment tal-ahjar kwalita', il-konvenut mhux biss gie irredikolat mill-attur mal-mistednin izda talli wkoll l-attur ikkawza lilu u lill membri tal-familja tieghu inkwiet kbir f'okkazzjoni li kienet unika.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 19a u 20 tal-process.

Rat il-verbali tat-13 ta' Ottubru 1997, tat-23 ta' Jannar 1998 u tal-20 ta' Marzu 1998.

Rat l-affidavit tal-konvenuti tal-11 ta' Mejju 1998 (fol. 25 sa 58 tal-process).

Rat il-verbal tal-1 ta' Gunju 1998.

Rat in-nota tal-attur noe tat-18 ta' Gunju 1998.

Rat il-verbali tat-18 ta' Novembru 1998, tas-16 t'April 1999, tas-7 ta' Jannar 2000 fejn xehed il-konvenut, tad-19 ta' Mejju 2000, tal-5 ta' Ottubru 2000, tal-11 ta' Jannar 2001, tal-20 ta' Marzu 2001 fejn xehed M Cassar u Dr Joseph Mifsud iddikjara li m'ghandux provi aktar, tat-13 ta' Gunju 2001, tat-18 ta' Ottubru 2001 fejn Dr Joseph Mifsud talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza, il-Qorti wara li rat li l-kawza kienet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha attrici ghall-lum li la dehru u lanqas gabu provi, il-Qorti ddikjarat il-provi attrici maghluqa u laqghet it-talba tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Dicembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir stante li l-atturi qed jitlobu li jithallsu s-somma ta' Lm1,862.03 rappresentanti prezz ta' servizzi u ikel provdut fit-tieg li sar fid-29 ta' Lulju 1995, liema talba qed tigi kontestata mill-konvenut u mill-kjamata fil-kawza, stante li qed jallegaw li l-ikel fornut ma kienx ta'

kwalita' tajba tant li l-ikel kien kontaminat, bil-konsegwenza li l-attur naqas li jesegwixxi l-obbligi tieghu kif miftehma.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-istess attur forna is-servizzi indikati minnu fl-att tac-citazzjoni lill-konvenut u lill-kjamata fil-kawza fl-okkazzjoni tat-tieg ta' binthom li sar fid-29 ta' Lulju 1995, u infatti l-istess kont *'per se'* esebit a fol. 5 tal-process lanqas ma gie kontestat.

Illi fil-fatt l-unika kontestazzjoni fil-kawza odjerna huwa jekk l-ikel fornut kienx tal-kwalita' tajba miftehema, stante li l-konvenuti qed jallegaw li l-ikel fornut kien hazin, tant li kien hemm diversi kazi ta' *food poisoning* mill-mistiednin li waqt ir-ricevement hadu mill-istess ikel fornit mid-ditta attrici.

Illi mill-provi prodotti **l-konvenut** fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Jannar 2000 sostna li huwa sar jaf bil-kontaminazzjoni tal-ikel dak in-nhar stess peress li Michael Camilleri, missier ir-ragel tat-tifla, qallu li kellu ugiegh f'zaqqu u l-ghada diversi mistednin bdew icemplu biex jinformawh x'kien gralhom u sussegwentement dawn kollha ghamlu affidavits li gew esebiti f'din il-kawza.

Illi l-istess konvenut zied jghid ukoll li l-ghada tat-tieg kienu marru ghandu rappresentanti tad-Dipartiment tas-Sanita' li elevaw l-ikel li kien ghad baqghlu u hadu kampjun minnu, u qalulu sabiex jarmi l-kumplament, u b'dan informa lill-attur meta dan baghatlu l-kont u fil-fatt ma hallasx, ghalkemm

sostna li huwa dejjem kien hallas lill-attur meta f'okkazzjonijiet ohra qabel dan l-avveniment huwa kien inqeda bis-servizzi tal-attur, u ma kien hemm inkwiet ta' xejn.

Illi fl-20 ta' Marzu 2001 xehed **Mario Cassar**, rappresentant tac-*Chief Government Medical Officer,* li sostna li kien hemm tieg fid-29 ta' Lulju 1995 bejn l-gharrajjes Sultana u Farrugia, ulied rispettivi ta' Emanuel Sultana u Anthony Farrugia u fit-30 ta' Lulju 1995 saru xi ilmenti fuq *vomitting* u *diarrhoea*, u konsegwenti ghall-istess zewg *health inspectors,* David Sammut u Graziella Borg, marru d-dar tal-konvenut u David Farrugia u minn hemm elevaw kampjuni tal-ikel u l-lista tal-invitati tal-istess tieg.

Illi sadanitant fit-30 ta' Lulju 1995 sas-7.00.p.m. kien hemm hames (5) kazi ta' persuni li rriferew il-kaz taghom l-Isptar San Luqa fuq suspett ta' *food poisoning*, u dan peress li kienu qed ibaghtu minn *nausea, diarrhoea, vomiting etc.* u tnejn minn dawn il-kazi kellhom ukoll id-deni, u dan apparti kazi ohra fejn it-tobba tal-pazjenti irrapurtaw lill-Isptar.

Illi l-kazi kollha ezaminati kienu jirreferu ghar-riceviment li kien sar fid-29 ta' Lulju 1995 li l-ikel kien provdut minn *Dolceria Italfonte.* Fil-31 ta' Lulju saru zewg spezzjonijiet wahda f'Nuzzu Street, Hamrun, li saret minnu stess u l-ohra f'Mountabatten Street, Hamrun li saret minn *Health Inspector* iehor, u fil-fatt kienu instabu xi nuqqasijiet, tant li

l-istess attur tressaq il-Qorti u gie kkundannat ihallas il-piena relattiva kollox skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Marzu 1996, li kopja nformi taghha giet esebita a fol. 81 tal-process, u dan abbazi tan-nuqqasijiet li nstabu fl-istess ambjenti konsistenti f'nuqqas ta' *'insect proofing'* u ikel mhux stivat sew fil-*cold room.*

Illi mir-rizultat tal-*left overs* mill-istess tieg sar rapport li gie esebit bhala Dok. "MC" a fol. 74 tal-process, li skond ix-xhud minnu jirrizulta li mill-istess riceviment kien hemm dak li sejjah bhala *out break ta' food poisoning*, tant li kien hemm 46 mistiden li ghamlu ilment li hassewhom hazin, u li 21 minnhom ittiehdilhom kampjun tal-*istools* taghhom, li minnhom 9 kellhom *is-salmonella* fl-istess kampjuni, u peress li wiehed minnhom kien jahdem *self employed,* gie anke sospiz mix-xoghol ghaliex ma setghax jigi in kuntatt ma' oggetti tal-ikel.

Illi infatti l-istess xhud Mario Cassar esebixxa l-istess rapport a fol. 74 tal-process fejn minnu jirrizulta dokumentat dak kollu indikat mill-istess xhud fix-xhieda moghtija *viva voce* quddiem din il-Qorti, inkluzi r-rapport li sar lid-Dipartiment tas-Sanita' fit-30 ta' Lulju 1995 mill-konvenut, l-elevazzjoni tal-ikel mid-dar tal-konvenut, u l-lista tal-invitati minghand l-istess konvenut u Anthony Farrugia, il-fatt li kien hemm hames (5) kazi li rrapurtaw l-*Casualty Department* fl-Isptar San Luqa sal-Hadd 30 ta' Lulju 1995 fis-sebgha (7.00.p.m.) ta' fil-ghaxija; konsegwenti ghal dan saret spezzjoni fil-31 ta' Awissu 1995 mill-*health inspectors*

hemm indikati fiz-zewg fondi ta' operazzjoni tad-ditta attrici, u dwar il-fond f'Nuzzo Street, Hamrun ittiehdu proceduri kriminali li kkulminaw fis-sentenza fuq indikata tal-5 ta' Marzu 1996 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna; gew ezaminati ukoll il-*food handlers* li mill-ezamijiet fil-laboratorju li saru rrizulta li *'no salmonella was isolated';* saret ukoll spezzjoni fil-31 ta' Awissu 1995 minn John Scerri, *health inspector,* fis-sala *Arches Hall, Valley Road, B'kara* fejn inzamm ir-riceviment fejn instab li r-rizultat kien li *l-overall condition satisfactory;* l-istess rapport jikkonkludi billi jinghad li:-

*"Out of the 46 guests who were confirmed with food poisoning, some notified by Medical Doctors, 21 submitted stools for laboratory cultures. Of these, Salmonella was cultivated from stool samples of 9 individuals".*

Illi dawn ir-rizultati huma wkoll ikkonfermati mill-ittra li Dr. Karen Vella M.D. ghad-Direttur tas-Sahha Pubblika kitbet lill-attur, datata 11 ta' Settembru 1995, fejn fl-istess komunikazzjoni hemm rapport dettaljat tar-rizultanzi mit-testijiet li saru mill-istess Dipartiment konsegwenti ghall-avveniment tad-29 ta' Lulju 1995, meta s-servizz tal-ikel provdut kien fornit proprju mid-ditta attrici, u li fih *inter alia* jirrizulta li kien hemm diversi *oggetti* tal-ikel mill-kampjuni mehuda minghand l-konvenut li jindikaw li ma kienux tajbin ghall-konsum tal-bniedem, fosthom *shrimp barquettes, pork, pork filling, choclate barquettes with panna, trifle with choux pastry* li kellhom *'coliforms',* u *angels on horseback,*

*beef u meatballs* li kellhom fihom is-salmonella, u dan apparti *ham & cheese sandwich, chicken drumsticks, u rice balls* li kellhom ukoll *coliforms* f'mizura tali li tindika *poor hygenic quality.*

Illi ma dan wiehed irid izid li l-istess konvenut esebixxa erbgha u tlettin (34) affidavit ta' diversi persuni li kienu mistednin ghall-istess riceviment u cioe' Spiru Mifsud, Doris Mifsud, Gracie Camilleri, Joe Camilleri, Guza Briffa, Joan Aquilina, Monica Saliba, Anna Saliba, Francis Mizzi, Nazzareno Mizzi, Joe Sultana, Victor Sultana, Graziella Attard, Guza Briffa, Miriam Farrugia, Gracie Farrugia, Rosette Galea, Silvia Debono, Salvina Farrugia, Mary Fenech, Paul Fenech, Tessie Cassar, Tessie Camilleri, Joe Farrugia, Marlene Farrugia, Michael Camilleri, Lorry Farrugia, Frances Muscat, Lilly Rapinette, Rita Briffa, Joe Briffa, Gulinu Cassar, Maria Cassar, u Anthony Farrugia, li lkoll sostnew li huma kienu mistednin ghat-tieg ta' Gerald Farrugia u Charlotte Sultana li sar fid-29 ta' Lulju 1995 fl-Arcades Hall, Msida u li wara l-istess riceviment kellhom id-*diarrhoea* w irremettew u marru ghand it-tobba taghhom li qalulhom li kellhom *food poisoning,* u dan wara li kielu u xorbu minn dak offrut u servut lilhom waqt l-istess riceviment.

Illi fl-ahharenett minn spezzjoni li nzammet fil-fond "Italfonte" Triq Nuzzu, Hamrun, l-*health inspector* Mario Cassar iccertifika fil-31 ta' Lulju 1995 sab li fl-istess fond l-attur naqas li jzomm bibien fi stat li jimpedixxi r-riskju ta'

infezzjoni minn dubbien jew insetti ohra u li zamm f'mahzen ta' arja kiesha, ghall-konsum tal-bniedem, hwejjeg ta' ikel li huma mahzuna taht kundizzjonijiet mhux sanitarji.

Illi minn dawn il-provi kollha migjuba mill-konvenut jirrizulta inkontradett li waqt ir-riceviment indikat fic-citazzjoni attrici tad-29 ta' Lulju 1995 fejn l-ikel ghar-riceviment tat-tieg bejn Gerald Farrugia u Charlotte Sultana, kien servut ikel provdut mid-ditta attrici fuq inkarigu tal-konvenut, u li diversi mistednin wara li kkonsmaw mill-istess ikel sofrew minn *food poisoning* li rrizulta li kien kawza ta' ikel kontaminat mis-salmonella u wkoll min *coliforms* f'entita' tali li irrendew l-istess ikel mhux tajjeb ghall konsum tal-bniedem; fil-fatt jirrizulta li diversi persuni li kienu prezenti ghall-istess funzjoni soffrew min *food poisoning,* u wara testijiet li saru fuq l-i*stools* taghhom instab *li disgha (9) minnhom kellhom tracci ta' salmonella.*

Illi dan kollu maghdud mal-fatt ta' kif inzamm l-ikel u r-risultanzi fuq indikati mir-rapport tal-ufficcjali tas-Sanita' li ezaminaw il-mhazen tad-ditta attrici f'Nuzzu Street, Hamrun, apparti konsiderazzjonijiet ohra, iwaslu ghall-konkluzjoni unika li s-servizz ta' ikel fornit mid-ditta attrici fil-funzjoni fuq indikata ma kienx ta' kwalita' tajba u ghalhekk certament li dan iwassal sabiex jigu milqugha l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawza, u michuda t-talbiet attrici.

Illi dan qed jinghad stante li d-ditta attrici min-naha taghha ma gabet l-ebda prova kwalunkwe sabiex tikkontradixxi jew tikkontrasta l-provi imressqa mill-konvenut, u dan nonostante li l-istess ditta attrici kellha l-opportunita' li taghmel dan fis-seduti tat-13 ta' Gunju 2001 u 18 ta' Ottubru 2001, fejn l-atturi mhux biss ma resqux provi, izda lanqas biss dehru fil-kawza, tant li din il-Qorti in vista ta' dan iddikjarat il-provi attrici maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-11 ta' Dicembru 2001.

Illi ma hemm l-ebda dubju li fuq bazi guridika w in applikazzjoni tal-principju li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in *bona fede*, fil-kuntest odjern dan ifisser li fir-relazzjoni guridika ezistenti bejn l-attur u l-konvenut ghall-fornitura ta' ikel u servizzi ghar-riceviment mertu tal-kawza odjerna, dan jittraduci ruhu fl-obbligazzjoni *da parte* tal-attur li jforni lill-konvenut b'ikel tajjeb ghall-konsum tal-bniedem u li ovvjament ma jikkawza l-ebda hsara lill-bniedem li jikkonsma mill-istess ikel lilu servut.

Illi meta allura l-attur forna lill-konvenut b'ikel li ma kienx tajjeb ghall-konsum, tant li l-istess ikel ikkawza hsara lill-konsumaturi tal-istess, u dan ifisser li l-attur gie li naqas li jesegwixxi l-obbligazzjoni minnu assunta verso l-istess konvenut bil-konsegwenza li l-konvenut ma jibqax tenut li jhallas ghall-servizz li gie provdut lilu mhux konformament mal-ftehim u ghalhekk anke taht dan l-aspett it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha fil-konfront tal-konvenut u l-kjamata fil-kawza.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kjamata fil-kawza, **tichad it-talba attrici** bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**11 ta' Dicembru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**11 ta' Dicembru, 2001**